MARSAXLOKK

Minuti tal-laqgħa tal-Kunsill Lokali Marsaxlokk, laqgħa nru. 3(2012), li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv, 2 Triq Vittorio Cassar, Marsaxlokk, nhar il-Ġimgħa , 17 ta’ Frar 2012, fil-4:30p.m.

1. **<u>Preżenti</u> :**

| | |
|---|---|
| **Sindku** | Stephen Caruana |
| **Viċi-Sindku** | Edric Micallef |
| **Kunsilliera** | Steven Grech |
| | Remigio Cassar |
| | William Pomroy |

| | |
|---|---|
| **Segretarju Eżekuttiv** | Duncan Hall |

**Aġenda għal-laqgħa :**

1. Qari tal-Minuti
2. *“Arising”* mill-Minuti
3. Korrispondenza
4. Kommunikazzjonijiet tas-Sindku
5. Financial Statements 2011
6. Rapport Amministrattiv
7. Approvazzjoni ta’ ħlasijiet
8. Affarijiet oħra

**Talba**

Is-Sur William Pomroy qal it-talba.

**1. <u>Qari tal-Minuti</u>**

Il-Minuti ġew meħuda bħala moqrija. Il-Kunsill unanimament approva l-korrettezza tal-Minuti fuq mozzjoni tas-Sur Stephen Caruana, issekondat mis-Sur Steven Grech li għaddiet b’mod unanimu.

**2. <u>*Arisings* mill-Minuti</u>**

Ma kienx hemm

**3. <u>Korrispondenza</u>**

Nqrat il-korrispondenza kollha

**3.1** Il-Kunsill irċieva e-mail mingħand is-Sur Martin Else li permezz tagħha, il-Kunsill ġie infurmat illi l-istess Sur Else, sid tal-ġurnal Malta Now xtaq illi ġewwa l-lokalita’ ta’

Marsaxlokk titpoġġa *newspaper stand* li minnha r-residenti ikunu jistgħu jieħdu kopja tal-ġurnal ikkonċernat. Wara li evalwa l-proposta tas-Sur Else il-Kunsill Lokali qabel illi fil-prinċipju kellu japprova din it-talba. Madanakollu is-Sur Else kellu jintalab juri l-istruttura lill-Kunsill qabel din titwaħħal.

**3.2** E-Mail datat 16 ta' Frar 2012 mingħand is-Sur Edric Micallef li permezz tiegħu il-Kunsill ġie infurmat b'korrispondeza li għaddiet bejn is-Sur Micallef u s-Sinjur/ina Petra Bianchi f'isem l-Awtorita' Maltija għall-Ambjent u l-Ippjanar b'relazzjoni ma' l-impjant tal-*Power Station* ta' Delimara.

**3.3** Permezz ta' e-mail datat 15 ta' Frar 2012, il-Viċi-Sindku informa lill-Kunsill Lokali illi kien irċieva talba sabiex fi Triq Carmelo Caruana titwaħħal tabella li tindika illi din it-triq ma tinfed għal imkien (bil-vetturi). Dan peress illi diversi sewwieqa kienu qiegħdin jidħlu fl-imsemmija triq sabiex ifittxu parkeġġ u peress illi t-triq ma tinfidx jinħolqu problemi.Il-Viċi-Sindku qal illi huwa kien jaqbel illi tabella simili titpoġġa fi Triq Cadeo għaliex kien qiegħed ikun hemm l-istess problema. Wara diskussjoni libera kien hemm qbil illi l-imsemmija tabelli għandhom jitwaħħlu.

**3.4** E-Mail datat 7 ta' Frar mingħand is-Sinjura/ina Alwin Borg Myatt li permezz tagħa il-Kunsill ġie infurmat illi kienet ittieħdet azzjoni rigward ilment illi kienet ressqet. Madanakollu kien għad hemm xi dgħajjes mitluqa fid-daħla tal-pitch tal-waterpolo.

**3.5** Permezz ta' e-mail datat 6 ta' Frar 2012 is-Sinjura/ina Jane Simpson infurmat lill-Kunsill Lokali b'xi żviluppi li kien hemm rigward il-proġett Marenostrum. Fost affarijiet oħra ġie propost illi jinżammu workshops ġewwa Marsaxlokk f'April 2012.

**4.** **<u>Kommunikazzjonijiet tas-Sindku</u>**

**4.1** Ma kienx hemm

**5.** **<u>Financial Statements 2011</u>**

**5.1** Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq fuq il-mejda tal-Kunsill il-financial statements għas-sena 2011. Wara li ġew spjegati lill-Kunsilliera preżenti fuq mozzjoni tas-Sur Edric Micallef u li ġiet issekondata mis-Sur Stephen Caruana, il-Kunsill unanimament approva l-financial statements

**6.** **<u>Rapport Amministrattiv 2011</u>**

Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq fuq il-mejda tal-Kunsill abbozz tar-rapport amministrattiv għas-sena 2011 li kien jinkludi fost l-oħrajn il-ħidma li kien wettaq il-Kunsill matul l-2011 flimkien ma dettalji finanzjarji tad-dħul u l-infiq fl-istess perjodu. Wara diskussjoni qasira dwar l-operat tal-Kunsill Lokali għall-2011, fuq mozzjoni tas-Sur Steven Grech, issekondata mis-Sur Stephen Caruana u li għaddiet b'mod unanimu il-Kunsill approva r-Rapport Amminsitrattiv hekk kif propost.

**7.** **<u>Approvazzjoni tal-ħlasijiet</u>**

**7.1** Fuq mozzjoni tas-Sur Edric Micallef u li ġiet issekondata mis-Sur Steven Grech il-Kunsill approva unanimament il-pagamenti li huma nklużi fl-Iskeda ta' Pagamenti (Skeda Nru 03/12) li hi annessa ma' u li tifforma parti minn dawn il-Minuti.

## 8. <u>Affarijiet oħra</u>

**8.1** Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi peress illi ma kienx hemm ippjanati seduti oħra sa tmiem il-leġislatura kien hemm bżonn illi jittieħdu xi deċiżjonijiet riward il-permessi ta' Jum San Girgor. Huwa żied illi flimkien ma' l-impjegati kien ipprepara xi affarijiet sabiex jipi evitat illi jinħolqu problemi. Fost l-oħrajn kienu qiegħdin jiġu proposti d-dati illi fihom il-bejjiegħa setgħu japplikaw għall-permessi flimkien ma pjanta bil-posti li kienu ser jitpoġġew għad-disposizzjoni ta' l-istess bejjiegħa. Wara diskussjoni libera ġie deċiż illi l-permessi għandhom jinħarġu kif propost. Madanakollu kien hemm qbil illi għal din is-sena ma kellhomx jinkrew *mobile toilets* bħalma sar fl-imgħoddi. Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi kellu talba mill-impjegati sabiex għall-ewwel jumejn ill matulhom il-Kunsill ikun qiegħed jilqa' l-permessi fl-uffiċċju amministrattiv ikun hemm il-preżenza ta' gwardjan lokali jew pulizija sabiex jiġu evitati problemi li kien hemm fil-passat. Kien hemm qbil illi għall-jumejn konċernati għandu jkun hemm aktar sigurta' fl-uffiċċju amministrattiv u għaldaqstant kellu jintalab is-servizz ta' gwardjan lokali jew ta' pulizija.

**8.2** Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi l-Kumpanija Environmental Landscapes Consortium kiene avviċinat lill-Kunsill sabiex tinfurmah illi nhar it-Tnejn 20 ta' Frar 2012 kienet ser tagħti lill-Kunsill 250 *planter* mingħajr ħlas hekk kif kien ġie imwiegħed aktar kmieni matul l-2011. Huwa talab lill-Kunsill jieħu deċiżjoni dwar fejn kienu ser jitpoġġew dawn il-*planters*. Is-Sindku qal illi fl-opinjoni tiegħu kemm il-darba l-Kunsill ipoġġi l-imsemmija *planters* fit-toroq kienet ser tinħoloq problema peress li seta' jkun hemm xi residenti illi jorbtu l-*planters* ma' l-elezzjoni imminenti tal-Kunsilli Lokali. Kien hemm qbil illi għandha tiġi kkuntattjata Environmental Landscapes Consortium sabiex tiġi evalwata l-possibilita' illi l-*planters* jgħaddu f'idejn il-Kunsill Lokali wara l-elezzjonijiet li kienu ser jinżammu fl-10 ta' Marzu 2012.

**8.3** Is-Sur William Pomroy qal illi f'laqgħa passata kien ġie approvat illi nhar it-30 ta' Diċembru 2011 tinżamm l-ikla annwali li kienet issir għall-kunsilliera u l-impjegati. Madanakollu minħabba l-imminenza ta' l-elezzjonijiet tal-Kunsilli Lokali kien intleħaq qbil sabiex din l-ikla ssir kmieni matul l-2012 sabiex isservi wkoll bħala attivita' ta' tmiem il-leġislatura. Wara diskussjoni libera ġie deċiż illi l-ikla kellha tinżamm nhar il-Ħamis 23 ta' Frar 2012 f'*restaurant* li kien ser jiġi magħżul mill-amministrazzjoni aktar tard.

Il-laqgħa spiċċat fis-7:30 p.m u ġiet aġġornata għal nhar il-Gimgħa 17 ta' Frar 2012

| | |
|---|---|
| **Stephen Caruana** | **Duncan Hall** |
| **Sindku** | **Segretarju Eżekuttiv** |

**Data :**